MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 61/1995/1

Carmelo u Rose konjugi Vella
U b’digriet tal-4 ta’ Ottubru, 1999
il-gudizzju ġie trasfuż f’isem
Josephine, Lorenza, Judith mart Noel Vella Zarb,
Salvu u Maria mart Raymond Xuereb
minflok Carmelo Vella li miet fil-mori tal-kawża .
VS.
Eucharist u Josephine konjugi Gauci

Il-Qorti,
Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :
Illi l-atturi huma l-proprjetarji tal-lok tad-djar bin-numru tlieta u ħamsin (53) Triq Ħamet, Xagħra, Għawdex, li jikkonfina mill-Punent ma’ remissa proprjeta’ tal-konvenuti;
Illi oriġinarjament l-proprjetajiet tal-kontendenti kienu jiffurmaw fond wieħed b’ħajt diviżorju b’ġebel dobblu fin-nofs bejniethom liema ħajt kien komuni;

Illi l-atturi snin ilu rrikostruwew il-ħajt doviżorju bejn il-parti akkwistata minnhom u dik illum tal-konvenuti billi bnewh fuq art proprja u dan billi f'parti minnu bnew mill-ġdid fl-interezza kollha tiegħu u fir-rimanenti parti bnew mill-ġdid is-saff tan-naħa tagħhom;

Illi ħabta u sabta mingħajr il-kunsens tal-esponenti l-konvenut Eucharistico Gauci kmieni s-Sibt ħdax (11) ta' Marzu tal-elf disa' mija u ħamsa u disgħin (1995) ħatt saff tan-naħa tiegħu u dan sew minn dik il-parti mill-ħajt diviżorju mibnija interament mill-atturi u kif ukoll mill-parti l-oħra;

Illi dan sar bi ksur tal-jeddijiet ta' l-atturi iktar u iktar in vista tal-fatt li l-konvenuti huma intenzjonati li jużurpaw parti mill-wisgħa oriġinali tal-ħajt diviżorju u jagħmluha proprjeta' tagħhom;

Illi dawn ix-xogħlijiet huma bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar il-ħitan diviżorji;

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara li x-xogħolijiet ta' ħatt ta' parti mill-ħajt diviżorju kif fuq spjegat huma bi ksur tal-jeddijiet ta' l-atturi bħala komproprjetarji tal-istess ħajt;
2. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilhom prefiss minn din l-Onorabbli Qorti huma jibnu a spejjeż tagħhom dik il-parti li ġiet demolita minnhom u dan taħt is-superviżjoni ta' Perit maħtur għal dan il-għan minn din il-Qorti;
3. Tawtorizza lill-atturi sabiex fin-nuqqas da parti tal-konvenuti huma jagħmlu l-istess xogħlijiet a spejjeż tal-konvenuti;

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandati ta' Inibizzoni numri 85/95 u 96/95 fl-istess ismijiet;

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizzjoni li għaliha minn isssa qegħdin jiġu nġunti;

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Rose Vella.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi din l-azzjoni hija irrita u inutli magħmula biss biex l-atturi jkomplu jivvessaw lill-konvenuti;
2. Illi fil-fatt l-konvenuti beħsiebhom jirdubblaw l-ħajt mibni mill-atturi u għandhom ma bnewx mħabba d-diversi attentati tal-atturi biex ma jħalluhomx jagħmlu dan;

3. Illi għalhekk id-domandi attriċi għandhom jiġu riġettati bl-ispejjeż kontra l-atturi;

Rat id-d kjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Eucharist Gauci.

Rat id-digriet tagħha ta' l-14 ta' Marzu 1997 fejn innominat lill-A.I.C. Edward Scerri bħala Perit Tekniku f'din il-kawża.

Rat id-digriet tagħha ta' l-24 ta' Frar 2009 fejn irrevokat l-inkarigu ta' l-A.I.C. Scerri u ssostitwietu bl-A.I.C. Valerio Schembri fl-istess inkarigu.

Rat id-digriet tagħha tal-15 ta' Lulju 2010 fejn ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti tal-Mandati ta' Inibizzjoni numri: 605/95, 85/1995, 96/1995, 655/1996 u 686/1996 li nstemgħu minn din il-Qorti wkoll.

Rat id-digriet tagħha tat-3 ta' Diċembru 2010 fejn irrevokat l-inkarigu ta' l-A.I.C. Schembri.

Rat il-verbal ta' l-atturi tad-9 ta' Marzu 2011 fejn iddikjaraw li l-mertu kien eżawrit.

Rat id-digriet tagħha ta' l-4 ta' Mejju 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjeż.

Rat in-noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa, u l-affidavits u dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi talbu li l-konvenuti jiġu ordnati jerġgħu jibnu n-naħa tagħhom tal-ħajt diviżorju dobblu komuni li jifred il-proprjetajiet rispettivi u li dawn kienu għadhom kemm waqqgħu. Il-konvenuti wieġbu li huma kienu dejjem lesti li jerġgħu jibnu din il-parti tal-ħajt, u kien biss l-aġir ta' l-atturi, b'sensiela ta' rikorsi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra tagħhom, li żammhom milli jagħmlu dan qabel ma ġiet istitwita din il-kawża. Infatti fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża din il-parti tal-ħajt ġiet rikostruwita, għalkemm l-atturi xorta waħda għadhom joġġezzjonaw li din l-istess parti tal-ħajt ma kellhiex tinbena fejn ġiet attwalment mibnija, peress li allegatament ġiet użurpata parti mill-art tagħhom. Din il-kwistjoni ta' l-aħħar pero' ma setgħetx tiġi ttrattata fil-kawża preżenti, u għalhekk, filwaqt li eventwalment ġie dikjarat mill-istess atturi li l-mertu tal-kawża preżenti ġie eżawrit, il-kontendenti talbu sentenza dwar il-kap ta' l-ispejjeż.

*Prima facie* jidher li l-atturi kellhom raġun jistitwixxu din il-kawża meta fil-fatt għamlu hekk, għax sa dakinhar il-konvenuti, kif jammettu fl-istess nota ta' l-eċċezzjonijiet tagħhom, kienu għadhom ma reġgħux tellgħu din il-parti tal-ħajt. Imma wieħed irid jara jekk kienx hemm xi raġuni valida għaliex il-konvenuti naqsu li jagħmlu dan.
Mill-ftit provi li rriżultaw nafu li l-fondi rispettivi tal-kontendenti oriġinarjament kienu jifformaw parti minn fond qadim wieħed. Wara li saret diviżjoni, il-parti ta' oħt l-attriċi, konsistenti f'remissa, ġiet mibjugħa lill-konvenuti. L-atturi f'xi żmien riedu jirrikostruwixxu parti mill-fond tagħhom, u għal dan il-għan waqqgħu l-parti tan-naħa tagħhom tal-ħajt diviżorju dobblu komuni li kien hemm jifred il-fond tagħhom minn dak tal-konvenuti, imma l-ħajt il-ġdid tellgħuh iżjed 'l ġewwa fil-fond tagħhom. Meta l-konvenuti ġew biex jerġgħu jibnu l-parti tan-naħa tagħhom tal-ħajt, wara li kif ingħad kienu anke huma waqqgħu r-remissa tagħhom hekk kif akkwistaw il-permessi biex jibnu minflokha *garage* ġdid, kellhom l-intenzjoni li jressqu din il-parti tal-ħajt komuni iżjed lejn il-fond ta' l-atturi u b'hekk huma jiggwadanjaw mill-ispazju żejjed li kien tħalla mill-atturi. Ġew pero' rinfaċċjati b'numru ta' rikorsi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fil-konfront tagħhom, l-ewwel biex ma jkomplux jiddemolixxu din il-parti tal-ħajt, u mbagħad biex ma jerġgħux jibnuh f'xi distanza differenti minn fejn kien il-ħajt il-qadim, liema rikorsi ġew pero' miċħuda. Dawn ir-rikorsi ġew imbagħad sewgiti bil-kawża preżenti, li ġiet intavolata ġimgħa biss wara li ngħata d-digriet ta' din il-Qorti fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 96/1995.
Huwa sinjifikanti li anke fil-premessi tagħhom f'din il-kawża l-atturi jirreferu għall-intenzjoni tal-konvenuti li jerġghu jibnu l-parti tan-naħa tagħhom tal-ħajt komuni b'tali mod li "*jużurpaw parti mill-wisgħa oriġinali tal-ħajt diviżorju u jagħmluha proprjeta' tagħhom*." Jidher għalhekk illi, apparti l-fatt li l-atturi ma tantx taw żmien lill-konvenuti biex jerġgħu jtellgħu l-parti tan-naħa tagħhom ta' dan il-ħajt, għax, kif ġia ngħad, kien biss ġimgħa wara d-digriet ta' din il-Qorti li ntavolaw il-kawża tagħhom, il-kwistjoni bejn il-kontendenti ma kinitx tant dwar ir-rifjut tal-konvenuti li jerġgħu jirrikostruwixxu din il-parti tal-ħajt, imma iżjed fejn kellha titla' il-qoxra ta' dan il-ħajt minn naħa tagħhom, u ċioe' jekk hux fejn kienet oriġinarjament,

kif kienu jippretendu l-atturi, inkella iżjed lejn il-qoxra l-ġdida ġia' mtella mill-atturi fuq in-naħa tagħhom, kif riedu l-konvenuti. Infatti billi lanqas il-konvenuti stess ma riedu li jibqgħu jistennew indefinittament sakemm tiġi deċiża din il-kawża, għax kien naturalment fl-interess tagħhom ukoll li jerġa' jitla' dan il-ħajt malajr kemm jista' jkun, u ġialadarba ma kien hemm xejn iżjed xi jżommhom milli jerġgħu jibnu l-qoxra tan-naħa tagħhom ta' dan il-ħajt, u f'din il-kawża lanqas ma ntalab sabiex jiġi determinat fejn kellha titla' din il-parti tal-ħajt, qabdu u tellgħuha fejn riedu huma, fil-mori tas-smiegħ ta' din il-kawża. Jekk b'daqshekk ġewx ippreġudikati xi drittijiet ta' l-atturi, mhix kwistjoni li tista' tiġi deċiża f'din il-kawża, u fil-fatt l-atturi irriservaw id-drittijiet tagħhom f'dan ir-rigward.
F'tali ċirkostanzi jidher għalhekk li din il-kawża saret intempestivament, il-konvenuti ma kellhom ebda ħtija għal dak li ġara, u konsegwentement għandhom ibatu l-ispejjeż ta' din il-kawża l-atturi.
Għal dawn il-motivi, tiddeċidi dwar il-kap ta' l-ispejjeż billi tordna li dawn għandhom jiġu ssoportati mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------